# KUNSILL LOKALI LIJA

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941


## MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NR 2 – IL-GIMGHA 10 TA' LULJU 2009

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu f' Triq Robert Mifsud Bonnici Hal Lija fis-6.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti : | Dr. Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Vici Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr. Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Ezekuttiv |

Pubbliku : Ma kienx hemm pubbliku prezenti

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti gew approvati kif ipprezentati u ffirmati mis-Sindku u S-Segretarju Ezekuttiv

## 2. IR-RESPONSABBILTAJIET LILL-KUNSILLIERI

2.1 Is-Sindku informa li wara li kien zamm laqghat ta' konsultazzjoni ma kull kunsillier kien qed jipprezenta lista bir-responsabiltajiet assenjati lill kunsilliera. Huwa spjega li dawn il-hatriet ghalkemm ma johorgu mill ebda ligi kienu qed isiru biex kull kunsillier jaghti l-kontribut tieghu fil-qasam assenjat lilu. Il-kunsillier individwali minbarra li jkun responsabbli mill-kariga assenjata lilu ghandu ukoll l-obligu li jinnota u jghin f'kollox li jirrigwardja lill-Kunsill. Kull inizjattiva ghandha tkun approvata b'mod ufficjali mill-kunsill qabel din tkun attwata.

2.2 Fuq proposta ta' Sindku SEKONDAT MILL-Vici-Sindku, l-lista ta' responsabilitajiet lill-Kunsilliera giet approvata b'vot unanimu.

2.3 Il-lista kif approvata hija annessa F'A

**3. ALLOKKAZZJONI FINANZJARJA U KUNTRATTI 2009/2010**

3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif l-allokazzjoni tal-Kunsill mill-Gvern Centrali hija mqassma biex tkopri l-ispejjes tal-hidma tal-Kunsill f'kull settur assenjat skond il-ligi.

3.2 Il-Kuntratti li hemm fil-prezent kienu qed jaghtu servizz tajjeb fil-lokalita. Pero dawn xorta wahda jigu aggornati minn zmien ghal zmien.

3.3 Il-Kuntratt tal-Gbir ta' Skart domestiku huwa fil-prezent ta' importanza kbira ghar-raguni li dan qed ikun modifiat mill-Gvern Centrali biex ikun konformi maz-zminijiet prezenti jigifieri dak ta' gbir ta' skart separat.

**4. PLAY AREA CENTRU REKREATTIV**

**4.**1 Il-Kunsilliera tkellmu dwar it-talba imsressqa mill-Lija Althletics Football Club biex dawn jaghmlu uzu mill-play area li hemm fic-Centru Rekreattiv.

**4.**2 Is-Sindku spjega li l-Play area li tlestiet recentement fic-Centru Rekreattiv kienet immirata biex din tintuza mit-tfal zghar tar-rahal taht is-supervizjoni tal-genituri taghhom. Is-synthetic rubber li jintuza f'dan il-progett mhux addatat ghal-loghob tat-tfal kbar biz-zraben tal-football.

4.3 Wara diskussjoni dwar l-uzu ta' din il-play area il-Kunsill qabel li ghandhom jigu avvicinati il-Lija Athletics biex dawn jaghtu spjegazzjoni iktar dettaljata fir-rigward ta' min ha jaghmel uzu minn din il-playarea. Wara li tingabar din l-informazzjoni il-Kunsill ikun jista' jiehu decizjoni

**5. APPLIKAZZJONIJIET GHALL-FONDI – *CPPS FUNDING***

**5.1** Is-Sindku informa lill-kunsill dwar l-applikazzjoni li l-kunsill kien issottometta lill-MEPA biex jinghata fondi taht ic-CCPS li ghandu x'jaqsam ma *Urban Green Transport System* li tista' tkun introdotta f'Hal Lija. L-idea dwar din it-talba hija biex ikun hemm trasport intern fir-rahal ta' Hal Lija li jkun jahdem b'sistemi li ma jaghmlux kontaminazzjoni fl-ambjent u fl-istess hin ikunu ta' serivzz ghar-residenti.

5.2 Kopja ta' l-applikazzjoni Doc B.

**6. APPLIKAZZJONI GHAL-FONDI – *LOCAL COUNCIL ENTERPRISE SUPPORT AWARD SCHEME***

6.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li saret it-talba taht l-iskema imsemmija hawn fuq biex jinghata fondi tal-progett li diga twettaq fl-upgrading tal-playingfield fic-Centru Rekreattiv.

6.2 Kopja ta' l-applikazzjoni Doc C.

**7. APPLIKAZZJONI GHAL-FONDI – *LOCAL COUNCIL GREEN CHALLENGE AWARD***

7.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li saret it-talba taht l-iskema imsemmija hawn fuq biex jinghata fondi li diga twettaq fis-Safety Play area fic-Centru Rekreattiv.

7.2 Kopja ta' l-applikazzjoni Doc D.

**8. APPLIKAZZJONI GHAL-FONDI SPECJALI GHAL-LOKALITAJIET BI BZONNIJIET SPECJALI**

8.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li saret it-talba taht l-iskema imsemmija hawn fuq biex jinghata fondi biex jitwettqu progetti fil-lokalita. Il-Progett biex tinkesa bit-tarmac Vjal Trasfigurazzjoni ghandha tkun ta' priorita fost progetti li jistghu jitwettqu minn dawn il-fondi.

8.2 Kopja ta' applikazzjoni Doc. E.

**9. ATTIVITAJIET KULTURALI**

9.1 Il-kunsilliera tkellmu dwar il-Festa tas-Salvatur li ghandha tinzamm fix-xahar ta' Awissu. Fost l-attivitajiet li jinzammu fir-rahal hemm l-esebizzjoni piroteknika mill-Ghadqa Tan-Nar San Mikiel, Lija.

9.2 Matul dawn il-granet ta' festi ir-rahal ikun hawn hafna nies li jigu minn diversi irhula ta' madwar biex igawdu il-Festa. Ghar-raguni li jkun hawn kwantita kbira ta' nies, il-Kunsill ihoss ir-responsabilita li ghandhom jittiehdu mizuri ta' sigurta aktar mis-soltu.

9.3 Il-Kunsill approva biex il-Protezzjoni Civili taghti s-servizz taghha matul il-granet tal-Festa.

**10. ATTIVITA SOCJALI**

10.1 Il-Kunsill qabel li ghandha tinzamm harga kulturali ghall l-ahhar ta' Awissu. Il-hsieb wara din l-attivita huwa biex residenti li ma ghandhomx facilitajiet li jmorru izuru postijiet ta' nteress b'dan il-mod ikun aktar possibli li dawn johorgu minn djarhom biex izuru postijiet ta' nteress fi bliet u irhula ta' Malta u Ghawdex.

10.2 Dettalji dwar din l-attivita jinhargu aktar il-quddiem

**11. AGGORNAMENT TAL-LAQGHA**

11.1 Il-laqgha giet aggornanta f'7.45p.m.

| | |
|---|---|
| Dr. Ian Castaldi Paris<br>Sindku | Sur Alfred Buhagiar<br>Segretarju Ezekuttiv |